Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2013

Numru. 639/2013

**Il-Pulizija**
**[Spettur Trevor Micallef]**

**vs**

**Dwayne Difesa**
**Ryan Bugeja**
**Anthony John Bugeja**
**-omissis-**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Dwayne Difesa detentur tal-karta tal-identita` numru 146595(M), Ryan Bugeja detentur tal-karta tal-identita` numru 384594(M) u Anthony John Bugeja detentur tal-karta tal-identita` numru 17996(M).

Akkuzati talli:

1. F’dawn il-Gzejjer fl-4 ta’ Jannar 2011, ghall-habta tal-hamsa u nofs ta’ filghaxija (05:30p.m.) minn Triq Vjal ir-Rihan, San Gwann u/jew fil-vicinanzi, ikkommettew serq ta’ Euro 60 fi flus kontanti, mobile phone tal-ghamla Samsung, iPod, wallet u Zippo ghad-dannu ta’ Adam Cacciottolo u mobile phone u Euro 10 ghad-dannu ta’ Mark Patrick Zammit liema serq huwa aggravat bil-‘valur’ (aktar minn Euros 232.56 izda mhux aktar minn Euros 2,325.58) ghad-dannu ta’ Adam Ciacciottolo u Mark Patrick Zammit rispettivament;

Dwayne Difese akkuzat wahdu:
2. Talli is-sena 2010 u/jew fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-gzejjer, ikkommetta serq ta’ iPhone, mobile phone tal-ghamla Mr Mobile, mobile iehor tal-ghamla Vodafone u iehor tal-ghamla Sony Ericsson ghad-danu ta’ persuna/i mhux maghrufa; u

3. Aktar talli fis-sena 2010 u/jew xhur qabel, f’dawn il-gzejjer xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew b’kull mod indahal sabiex imexxihom jew ibiegghhom.

Anthony John Bugeja akkuzat wahdu:

4. Tallilbejn is-sena 2009 u 2010, f’dawn il-gzejjer, ikkommetta serq ta’ camera tar-ritratti Olympus, ohra Lumix, ohra Kodak, 3 mobile phones tal-ghamla Samsung u mobile phone tal-ghamla Sony Ericsson ghand-dannu ta’ persuna/i mhux maghrufa; u

5. Aktar talli bejn is-sena 2009 u 2010, f’dawn il-gzejjer xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew b’kull mod indahal sabiex imexxihom jew ibiegghom.

Rat is-separazzjoni tal-gudizzju stante li Dwayne Difesa, Ryan Bugeja u Anthony John Bugeja rregistraw ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontrihom u regghu kkonfermaw tali ammissjoni wara li nghataw iz-zmien opportun sabiex ikunu jistghu jirregolaw ruhhom; u

Rat illi huma kkoperaw mal-prosekuzzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17(d), 279(a) u 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil **Dwayne Difesa** hati tal-ewwel u t-tieni akkuza kif dedotti kontrih u stante li t-tielet akkuza hija alternattiva ghat-tieni akkuza, qeghda tpoggih taht Probation Order taht l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 ghal sena u ordni ta' servizz fil-kommunita` ghal erbghin (40) siegha filwaqt li tilliberah mit-tielet akkuza kif dedotta kontrih.

Qed issib lil **John Anthony Bugeja** hati tal-ewwel u r-raba' akkuza kif dedotti kontrih u stante li l-hames akkuza hija alternattiva ghar-raba' akkuza qeghda tpoggih taht Probation Order taht l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 ghal sena u ordni ta' servizz fil-kommunita` ghal erbghin (40) siegha filwaqt li tilliberah mill-hames akkuza kif dedotta kontrih.

Qed issib lil **Ryan Bugeja** hati tal-ewwel akkuza kif dedotta kontrih u qeghda tpoggih taht Probation Order taht l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 ghal sena u ordni ta' servizz fil-kommunita` ghal erbghin (40) siegha.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Orders annessi mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation u Parole.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------